MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2003

Avviz Numru. 133/2003

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Albert De Marco**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, tlett mija u sebgha u tmenin Lira Maltija u erbgha u disghin centezmu (LM2387.94,0), liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-konvenut lil Mobisle Communications Limited in kwantu ghal servizzi rezi lilu mill-istess Mobisle Communications Limited fix-xhur bejn Gunju tas-sena 2002 u Awissu tas-sena 2002, u dana in segwitu ta', u skond Client Contract**

**Number 7046, liema kuntratt huwa ffirmat minnu stess;**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Dicembru tas-sena 2002, u tal-mandat ta' sekwestru ipprezentati kontestwalment ma' dana l-att, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-27 ta' Marzu tas-sena 2003 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------